MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2012

Numru. 360/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR JURGEN VELLA**
**VS**
**CHRISTOPHER MIZZI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Christopher Mizzi, bin Anthony u Gaetana nee’ Dingli, mwieled 4 ta’ Settembru 1987, residenti 183, flat 69, Triq il- Wied tal- Msida, Msida u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 401487M;

Talli fil- 21 ta’ Dicembru 2008, ghall- habta tal- 16.30hrs fi Triq Dun Karm Sant, Tarxien, waqt li kien qed isuq vettura numru WFL 576;
1) b’ nuqqas ta’ hsieb bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl- arti jew professjoni jew b’ nuqqas ta’ tharis tar-

regolamenti tat- traffiku, habat u nvolontarjament ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il- persuna ta’ Gordon Grech skont kif iccertifikat Dr. Daryl Xuerbe (2969) mill- Paola Health Centre;
2) naqas li jieqaf fejn kien hemm sinjal li jindika STOP;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

**Ikkonsidrat:**

Illi din il-kawza tittratta kollizjoni bejn zewg vetturi fid-data u l-lok indikati. Mil-provi prodotti huwa evidenti ferm li l-imputat unikament jahti ghal dan l-incident. Huwa naqas milli jieqaf fuq sinjal tat-traffiku li jindika li kellu jieqaf, u b’hekk habat ma’ vettura ohra misjuqa mil-parti leza. Din il-Qorti hekk kif presjeduta ma semghetx il-provi tal-Prosekuzzjoni, izda rat l-inkartament u l-provi huma cari ghall-ahhar. L-imputat kellu jezercita aktar prudenza u jzomm dak li fil-ligi jissejjah “a proper lookout” meta jkun hiereg minn triq sekondarja ghal triq principali. Il-Qorti rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-parti leza fejn irrinunzja ghall-azzjoni kriminali, ghalkemm din strettament m’hix azzjoni rinunzjabbli, izda hadet konjizzjoni ta’ din ir-rinunzja ghall-finijiet ta’ piena. Inoltre, il-griehi sofferti mil-parti leza, ghalkemm klassifikati bhala gravi, ma hallewx marka permanenti, u l-Qorti ghandha zzomm dan ukoll quddiem ghajnejha fis-sentenza. Ghalhekk il-Qorti sejra taghti sanzjoni fil-komunita’ lill-imputat minnflok piena, ai termini tal-Kap 446.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien

sentejn ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------